MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 28

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne u l-Onor. Beppe Fenech Adami kienu skużati.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 27 li saret fis-26 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

RULING TAS-SEDJA

L-Ispeaker ta ruling fuq tliet talbiet għal direzzjoni dwar risposti għal mistoqsijiet parlamentari, liema talbiet saru mill-Onor. Michael Piccinino fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2026 u mill-Onor. Rebekah Borg u mill-Onor. Ian Vassallo fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2026.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 300 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrugia, f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 484 Tabella li turi tagħrif dwar l-ammont medju u l-medjan tal-każijiet konklużi taħt l-Iskema tas-Self Soċjali għas-snin bejn l-2022 u l-2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4126; ***(Ara dokument Nru. 488 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 29 tal-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 2026)***

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 485 Tabella li turi tagħrif dwar il-korsijiet tal-Lifelong Learning offruti f'Għawdex, maqsuma skont il-lokalità fejn qed jingħataw il-lezzjonijiet, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3231;

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 486 Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema li ġew impjegati ma' Transport Malta maqsuma skont il-grad fil-perjodu bejn Jannar 2013 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2408; u

f'isem il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 487 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' studenti li ġew allokati mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali jew mal-kunsilli lokali matul is-sajf 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3827.

KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex, l-Onor. Franco Mercieca issostitwixxa lill-Onor. Anton Refalo u l-Onor. Norma Camilleri issostitwixxiet lill-Onor. Beppe Galea; u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. George Vital Zammit u l-Onor. Eve Borg Bonello ssostitwixxew lill-Onor. Beppe Fenech Adami u lill-Onor. Bernice Bonello.

MOZZJONIJIET

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-LOGĦOB – MOZZJONI 72

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, ippropona l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob.

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrugia, ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Logħob, Kap. 583" inqara l-ewwel darba.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-ARMI – ABBOZZ NRU 2

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Armi, Kap. 480" inqara t-tielet darba u għadda.

2. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR – ABBOZZ NRU 13

Il-Kamra rriżumiet mill-21 ta' Ottubru 2026 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Varji Liġijiet dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Ramona Attard, l-Onor. Romilda Zarb u l-Onor. Jonathan Attard.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kap. 551, u l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552, u sabiex jipprovdi għal sospensjoni awtomatika tal-eżekuzzjoni ta' permessi meta jkun hemm appell, għal proċeduri mħaffa, għal emendi konsegwenzjali u għal materji anċillari" nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Charles Azzopardi Flores issostitwixxa lill-Onor. Fleur Abela.

3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-INTRAPRIŻA SOĊJALI – ABBOZZ NRU 8

Il-Kamra rriżumiet mit-13 ta' Ottubru 2026 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali.

Fid-diskussjoni ħa sehem l-Onor. Silvio Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali, Kap. 630" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

4. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI GĦALL-ISKRINJAR TAL-INVESTIMENT DIRETT BARRANI – ABBOZZ 4

Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Silvio Schembri u l-Onor. Darren Carabott.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani, Kap. 620" nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

5. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET DWAR IT-TRAFFIKAR TA' PERSUNI - ABBOZZ 14

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar.

MYRIAM SPITERI DEBONO
PRESIDENT TA' MALTA

> Il-President, wara li kienet informata dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jemenda diversi liġijiet dwar it-traffikar ta' persuni u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom", tirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.
>
> 26 ta' Ottubru 2026

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili pproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda diversi liġijiet dwar it-traffikar ta' persuni u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom."

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadet sehem l-Onor. Rosianne Cutajar.

Fis-6.58 p.m. l-Onor. Rosianne Cutajar baqgħet in possession u d-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

Ordnijiet tal-Ġurnata

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet Dwar it-Traffikar ta' Persuni	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta' Liġi dwar l-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur Upstream taż-Żejt u l-Gass (Miżuri ta' Infurzar)	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji li għandhom x'jaqsmu mas-Servizzi Finanzjarji	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi	Tieni Qari
Estimi taʾ Dħul u Nfiq taʾ Patrimonju Malta għas-sena finanzjarja 2026	Votazzjoni

---

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji	Kumitat Permanenti
Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Varji Liġijiet dwar it-Tribunal taʾ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar	Kumitat Permanenti
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali	Kumitat Permanenti
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani	Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. George Vital Zammit u mill-Onor. Graziella Attard Previ.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER